

Brussell, 3 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6693/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0034(NLE)

RECH 76
COMPET 109

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 62 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 62 final.

Mehmuż: COM(2025) 62 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2025
COM(2025) 62 final

2025/0034 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) huwa li jinholq qasam fejn “ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament” (l-Artikolu 179 TFUE). Iż-ŻER tnediet mill-ġdid fl-2020, inkluż bl-adozzjoni tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I)¹ fl-Ewropa, li artikola l-oqsma ta' prijorità konġunti għal azzjoni tal-Istati Membri li ġejjin:

- (1) l-approfondiment ta' suq intern għall-għarfien li jiffunzjona tassew;
- (2) it-teħid flimkien ta' azzjoni lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali u sfidi oħra b'impatt fuq is-soċjetà, u ż-żieda tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà fiż-ŻER;
- (3) it-tisħiħ tal-aċċess għall-eċċellenza fir-R&I madwar l-Unjoni u t-tisħiħ tal-interkonnessjonijiet bejn l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni;
- (4) l-avvanz ta' investimenti u riformi miftiehma fir-R&I.

Bl-istabbiliment ta' strutturi ġodda ta' governanza u l-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 b'azzjonijiet konkreti, l-UE injettat momentum ġdid fiż-ŻER, filwaqt li allinjat l-istrategġiji u l-politiki tar-R&I. Sar progress notevoli permezz ta' kollaborazzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-indirizzar tal-frammentazzjoni tas-sistemi tar-R&I tagħhom. L-inizjattivi ffukaw fuq il-karrieri tar-riċerkaturi, l-infrastrutturi tar-riċerka, ix-xjenza miftuħa, il-bini tal-fiduċja fix-xjenza permezz tal-involvement taċ-ċittadini u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għall-kooperazzjoni tematika fir-R&I. Il-proċess konġunt tal-istabbiliment tal-prijoritajiet maħluq b'mod konġunt bejn l-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni rawwem sens ta' sjieda u żied l-impenn biex tiġi implimentata ż-ŻER, b'mod partikolari permezz tal-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER.

Bħall-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024, it-tieni Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tiddeskrivi attivitajiet konkreti taż-ŻER, li jservu bħala qafas strateġiku biex titrawwem il-kollaborazzjoni fost il-pajjiżi tal-UE, biex tissaħħaħ l-effettività tas-sistemi tar-R&I, u biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà b'mod kollettiv. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-ewwel aġenda, it-tieni waħda ssib bilanċ bejn l-approfondiment tal-azzjoni dwar il-prijoritajiet attwali permezz ta' **politiki strutturali** u t-twessigħ tal-viżjoni għaż-ŻER permezz ta' **azzjonijiet ġodda taż-ŻER**. Il-politiki strutturali huma politiki taż-ŻER fit-tul bħax-xjenza miftuħa, l-infrastrutturi tar-riċerka u l-karrieri fir-riċerka, li ma humiex limitati għal aġendi ta' politika individwali u huma inkorporati fil-politika nazzjonali u Ewropea. L-azzjonijiet taż-ŻER huma konċiżi, immexxi mill-politika u orjentati lejn l-għanijiet biex jipprovdu valur miżjud sostantiv għall-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati. L-azzjonijiet dwar l-intelliġenza artifiċjali fix-xjenza, is-sigurtà tar-riċerka, ix-xjenza għall-politika, l-ekwità fix-xjenza ġew identifikati bħala lakuni fejn il-kooperazzjoni tqieset meħtieġa. B'mod

¹ IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2122.

ġenerali, dan jagħti lill-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 enfasi aktar ċara bbażata fuq il-politika u struttura aktar ċara biex tiffaċilita l-implimentazzjoni mill-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati.

L-Aġenda ta' Politika taż-ŻER hija strument mhux vinkolanti biex jidderieġi l-politiki nazzjonali u fil-livell tal-UE f'konformità mal-oġġettivi taż-ŻER stabbiliti fl-Artikolu 179 tat-TFUE. Huwa jikkoordina l-prijoritajiet tal-Istati Membri fil-ħidma biex javvanza ż-ŻER abbażi ta' azzjoni konġunta. Għalhekk ihegġegħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni volontarji bejn l-Istati Membri u l-UE. Peress li hija volontarja, ma hemm l-ebda infurzar legali tal-implimentazzjoni. L-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER issegwi l-loġika ta' ġeometrija varjabbli. Il-Forum taż-ŻER, li jlaqqa' flimkien il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u l-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE, iservi bħala l-korp ta' governanza biex jikkoordina b'mod konġunt l-implimentazzjoni tal-attivitajiet taż-ŻER.

Filwaqt li inizjattivi mhux leġiżlattivi bħall-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 li fiha impenji volontarji fil-forma ta' azzjonijiet taż-ŻER wasslu għal progress sinifikanti, dawn għadhom insuffiċjenti biex jindirizzaw l-ostakli strutturali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni taż-ŻER² enfasizzat kwistjonijiet persistenti bħad-disparitajiet fil-prestazzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) madwar l-Istati Membri, livelli insuffiċjenti ta' investiment privat u pubbliku fir-RŻI taħt il-mira ta' 3 % tal-PDG, oqfsa regolatorji frammentati, appoġġ limitat għat-trasferiment tat-teknoloġija, u l-frammentazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija. Bħala konklużjoni, il-Komunikazzjoni enfasizzat il-ħtieġa għal governanza aktar b'saħħitha.

Biex jiġu indirizzati l-isfidi sistemiċi, l-inizjattivi leġiżlattivi futuri se jkunu komplementari għall-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u jistgħu jintroduċu miżuri leġiżlattivi li jmorru lil hinn mill-azzjoni volontarja skont l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER mhux vinkolanti. Inizjattivi bħal dawn (eż. Att dwar iż-ŻER) se jkunu opportunità biex jiġu indirizzati kwistjonijiet permezz tal-armonizzazzjoni, l-applikazzjoni uniformi tar-regoli u l-infurzar tal-politiki tal-UE biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi madwar l-Istati Membri. Dan jista' jiġi applikat għal oqsma vvalutati bħala li jeħtieġu regoli jew strutturi vinkolanti sabiex jintlaħqu l-oġġettivi taż-ŻER lil hinn mill-miżuri volontarji ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni. Dan għandu jnaqqas b'mod sostanzjali l-frammentazzjoni tal-politiki u s-sistemi tar-R&I fl-UE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-baży legali għal din l-inizjattiva hija l-Artikolu 292 TFUE. F'konformità mal-Artikolu 292 TFUE, il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjonijiet u jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn it-Trattati jipprovdu li jeħtieġu jadotta atti fuq proposta tal-Kummissjoni. F'konformità mal-Artikolu 179(1) TFUE, l-UE se ssegwi l-oġġettivi li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tikseb iż-ŻER li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament, u li ssir aktar kompetittiva, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt

² COM(2024) 490.

li tippromwovi r-riċerka kollha meqjusa meħtieġa. F'konformità mal-Artikolu 181 TFUE, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku biex jiżguraw li l-politiki nazzjonali u l-politika tal-UE jkunu konsistenti b'mod reċiproku.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tiegħu kwalunkwe inizjattiva utli biex tippromwovi din il-koordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li għandhom l-għan li jgħolqu linji gwida u indikaturi, jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar prattika, u jippreparaw ix-xogħol meħtieġ għal monitoraġġ u evalwazzjoni regolari. Il-Parlament Ewropew jeħtieġu jinżamm infurmat bis-sħiħ. L-Artikolu 182(5) jiftaħ il-possibbiltà li l-attivitajiet ipplanati fil-programm qafas pluriennali jiġu kkomplementati billi jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni taż-ŻER.

Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

L-għan taż-ŻER huwa li jinholq qasam fejn “ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament” (l-Artikolu 179(1) TFUE). Peress li din hija inizjattiva ta' governanza f'diversi livelli u tiegħu approċċ ta' gvern sħiħ (filwaqt li tiżgura li l-politiki jkunu allinjati f'livelli differenti ta' governanza u bejn l-oqsma ta' politika), hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hija tirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam u għandha l-għan li tiżgura li l-politika tar-R&I tkun koerenti fil-livelli kollha tal-gvern (lokali, reġjonali, nazzjonali u globali). Tintroduċi inizjattivi li jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-valur miżjud tal-UE fil-livell Ewropew, marbuta mar-reazzjonijiet ta' politika nazzjonali u reġjonali u li jibnu fuqhom. Din l-inizjattiva tissodisfa l-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li bis-saħħa tal-Artikolu 4(3) tat-TFUE l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

• Proporzjonalità

L-azzjonijiet proposti huma proporzjonati mal-għanijiet segwiti. Il-proposta tappoġġa l-kisba tal-oġġettivi taż-ŻER il-ġdida. Dan jikkomplementa l-azzjoni nazzjonali biex jinholq qasam ta' riċerka ċċentrat fuq ir-riċerkaturi, ibbażat fuq il-valuri, eċċellenti u xprunat mill-impatt. Il-proposta tirrispetta l-prattiki tal-Istati Membri u tiegħu approċċ differenzjat li jirrifletti s-sitwazzjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali differenti tal-Istati Membri, id-diversità tas-sistemi tar-riċerka u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet rispettivi. Hija tirrikonoxxi li kundizzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali differenti jistgħu jwasslu għal differenzi fil-mod kif tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni proposta.

• Għażla tal-istrument

Wara t-tagħlimiet meħuda mill-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024, l-għażla ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-governanza kollaborattiva taż-ŻER billi ssarra l-eżitu tal-ħidma ta' kokreazzjoni mal-Istati Membri, mal-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u mal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE fi proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. L-għan huwa li tinbena sjieda u impenn infurmat tajjeb mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati bħala bażi għal aktar kooperazzjoni dwar l-azzjonijiet maqbula u l-politiki strutturali għal azzjoni konġunta. Hija tkompli wkoll l-

approċċ flessibbli meħud biex jiġu implimentati l-azzjonijiet taż-ŻER u n-natura volontarja tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **ĠBIR U UŻU TA' GĦARFIEN ESPERT**

Il-Kummissjoni Ewropea sostniet il-proposta tagħha għall-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 b'evidenza mill-ewwel ċiklu ta' monitoraġġ taż-ŻER fl-2023. L-ċiklu kien jinkludi l-ewwel rieżami ta' 18-il xahar dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 fil-livell tal-UE (rapport fil-livell tal-UE), ir-rapporti tal-pajjiżi taż-ŻER dwar l-Istati Membri kollha kif ukoll 11-il pajjiż assoċjat ma' Orizzont Ewropa, l-ewwel Tabella ta' Valutazzjoni taż-ŻER, u l-ewwel Dashboard taż-ŻER. Ir-rapport ta' 18-il xahar fil-livell tal-UE pprovda valutazzjoni dwar il-progress fl-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta fiż-ŻER, kif stabbilit fil-Patt għar-R&I fl-Ewropa, u dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER. Ir-rapporti tal-pajjiżi taż-ŻER ipprovdew din l-analiżi fil-livell nazzjonali. It-Tabella ta' Valutazzjoni taż-ŻER ivvalutat il-konsolidazzjoni ġenerali u l-progress kollettiv tal-prijoritajiet taż-ŻER fl-2023 għall-UE kollha kemm hi u d-Dashboard ivvaluta l-progress fil-livell nazzjonali. Ir-rapporti kollha huma disponibbli għall-pubbliku fuq il-Pjattaforma tal-Politika taż-ŻER.³

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Peress li hija proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, inklużi l-attivitajiet taż-ŻER għall-futur, l-impatti ma jistgħux jiġu identifikati b'mod ċar *ex ante*. Barra minn hekk, l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tħejjiet f'kokreazzjoni mal-grupp ta' esperti tal-Forum taż-ŻER, li jlaqqa' flimkien lill-Istati Membri, lill-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u lill-partijiet ikkonċernati. Il-ħidma preparatorja ġiet diskussa fil-Kunsill (b'mod partikolari fil-KŻER, kif ukoll permezz tal-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, it-tisħiħ taż-ŻER u t-tegħlib tal-frammentazzjoni⁴), li turi li l-adozzjoni ta' dan id-dokument hija mistennija mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

³ <https://european-research-area.ec.europa.eu/>

⁴ 16179/24.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux rilevanti.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 hija mmonitorjata permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER huwa bbażat fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-R&I fl-Ewropa. Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill il-“Qafas għall-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ taż-ŻER Futur”, li jispeċifika l-komponenti tal-mekkaniżmu fid-dettall.

Biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet maqbula skont l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew u biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri fil-kisba tal-oġġettivi taż-ŻER, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER jinkludi għodod ta' rapportar kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Illum, l-UE qed tiffaċċja sfidi multipli u bla preċedent. L-ordni globali qed jinbidel u l-pedamenti tal-benesseri u s-sigurtà tas-soċjetà tagħna qed jitħawdu minn kuntest ġeopolitiku turbolenti, kompetizzjoni ekonomika dejjem tikber, rivoluzzjoni teknoloġika rapida u trasformattiva mingħajr preċedent, u t-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu. Il-ħtieġa li jissaħħu t-tmexxija Ewropea u l-awtonomija strateġika f'oqsma teknoloġiċi ewlenin saret urġenti. F'dan il-kontest, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni huma kruċjali biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tal-Ewropa u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha. Barra minn hekk, ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) għandhom rwol kritiku fit-tisħiħ tal-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni Ewropea.
- (2) L-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) huwa fil-qalba tal-isforzi tagħna biex nirreaġixxu għal dawn l-isfidi. L-ambizzjoni li tinholq iż-ŻER bħala suq uniku għar-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni kienet maħsuba fl-2000 u minqaxa fit-Trattat ta' Lisbona bħala objettiv speċifiku tal-UE. L-ambizzjoni politika reċenti li tiġi stabbilita "Unjoni tar-Riċerka u l-Innovazzjoni" li twassal għal strateġija u politika Ewropej konġunti tar-R&I u li tkompli tiġi segwita l-"ħames libertà" turi l-ħtieġa kontinwa li jiġi żviluppat aktar qasam fejn il-pajjiżi jingħaqdu flimkien biex jikkoordinaw u jtejbu l-politiki u l-ekosistemi nazzjonali tagħhom tar-R&I, u fejn l-għarfien, ir-riċerkaturi u t-teknoloġija jistgħu jiċċaqilqu liberament. Koordinazzjoni akbar fl-UE kollha permezz taż-ŻER tista' tgħin biex jiġu stimulat l-investimenti u r-riformi kif ukoll taqdi rwol essenzjali fit-trawwim tal-kompetittività sostenibbli, f'konformità mal-objettivi tal-Kumpass tal-Kompetittività⁵.
- (3) Iż-ŻER ipproduċiet kisbiet kbar matul dawn l-aħħar 25 sena f'oqsma ta' politika ewlenin inklużi l-infrastrutturi tar-riċerka, ix-xjenza miftuħa, il-kooperazzjoni internazzjonali, il-

⁵ COM(2025) 30 final

bilanċ bejn il-ġeneri fir-R&I, l-ipprogrammar konġunt, il-karrieri fir-riċerka u l-mobbiltà tar-riċerkaturi. Filwaqt li kkontribwew għal dawn il-kisbiet, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) iffinanzjaw aktar minn 150 000 riċerkatur eċċellenti, b'mod partikolari permezz ta' programmi ta' dottorat eċċellenti, boroż ta' studju postdottorali u skambji tal-persunal tar-R&I, il-EURAXESS appoġġat aktar minn żewġ miljun riċerkatur fl-iżvilupp tal-karriera u l-mobbiltà tagħhom madwar l-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC, European Open Science Cloud) jipprovdi aċċess bla xkiel għal data u servizzi diġitali ta' kwalità filwaqt li jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn il-fruntieri u d-dixxiplini.

- (4) FI-2021, l-Istati Membri u l-Kummissjoni kkonkludew qafas ġdid tal-viżjoni u politika, mfassla fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza futura taż-ŻER⁶ u l-Patt għar-R&I⁷. Il-viżjoni tistipula l-valuri u prinċipji komuni li se jiggwidaw ir-R&I u tidentifika prijoritajiet għal azzjoni konġunta. Fil-Patt, l-Istati Membri tennew l-impenn tagħhom li jaħdmu flimkien fuq il-kisbiet tal-oġettivi taż-ŻER biex irawmu l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni u jnaqqsu l-frammentazzjoni madwar l-Ewropa fir-riċerka xjentifika, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. L-Istati Membri affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jtejbju l-koordinazzjoni u jallinjaw il-politiki nazzjonali tar-R&I biex tinħoloq ekosistema tar-riċerka aktar integrata u effiċjenti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024 dwar it-tiżiħ tal-kompetittività tal-UE, it-tiżiħ taż-ŻER u li tingħeleb il-frammentazzjoni tagħha⁸.
- (5) L-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 ħolqot pedament sod biex jintlaħqu l-oġettivi taż-ŻER. Dan ittraduċa l-Patt għall-oqsma ta' prijorità tar-R&I f'sett ta' azzjonijiet konkreti. 17-il azzjoni ġew implimentati b'mod konġunt mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, mill-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u mill-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE. Bħala parti mill-governanza l-ġdida, il-Forum taż-ŻER u s-sottogruppi tiegħu għandhom rwol uniku fl-appoġġ tal-implimentazzjoni taż-ŻER u l-azzjonijiet tagħha. Dawn jaġixxu bħala pont bejn il-korpi fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali u jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni. L-approċċ inklużiv u parteċipattiv jiżgura li l-ilħna kollha jinstemgħu. Dan irawwem strateġiji innovattivi u sjieda kondiviża tal-politiki biex tissaħħaħ l-ekosistema tar-R&I tal-Ewropa. Bħala korp konsultattiv ta' politika strateġika ta' livell għoli, il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) jipprovdi pariri bikrija lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
- (6) Il-Kummissjoni enfasizzat il-kisbiet tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 u l-governanza l-ġdida fil-Komunikazzjoni tal-2024 "Implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka"⁹. Il-kisbiet ewlenin fl-indirizzar ta' firxa ta' ħtiġijiet tar-R&I madwar l-Ewropa taħt l-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 jinkludu (1) il-ħolqien tal-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (CoARA, Coalition for Advancing Research Assessment), (2) il-pubblikazzjoni tal-"Kodiċi ta' kondotta ta' tolleranza żero dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE", (3) l-istimolu tat-trasformazzjoni tal-enerġija ekoloġika billi tiġi implimentata l-

⁶ 14308/21.

⁷ IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2122.

⁸ 16179/24.

⁹ COM(2024) 490.

Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-proġett pilota taż-ŻER dwar l-idroġenu ekoloġiku, (4) il-ħolqien tan-"Network tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tar-R&I" (RIMA, R&I and Cohesion Managing Authorities Network) li jgħaqqad l-atturi tal-politika tar-R&I u l-awtoritajiet maniġerjali biex jivvalutaw id-distakk fl-innovazzjoni, iżidu l-eċċellenza u jikkapitalizzaw fuq strumenti eżistenti ta' twessigħ, u (5) jiżviluppaw qafas ġdid ta' monitoraġġ u evalwazzjoni taż-ŻER.

- (7) It-tieni Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tibni fuq dan l-approċċ u hija mfassla biex tindirizza l-isfidi attwali. L-użu tal-Patt għall-oqsma prijoritarji tar-R&I għal azzjoni konġunta u l-eżiti tal-implimentazzjoni tal-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 bħala bażi, jiddeskrivi l-politika strutturali taż-ŻER u tmien azzjonijiet tanġibbli taż-ŻER. Dawn huma r-risultati ta' proċess estensiv ta' kokreazzjoni fi ħdan il-Forum taż-ŻER u l-KŻER u l-għan huwa li l-implimentazzjoni tibda fl-2025. L-ewwel u t-tieni Aġendi ta' Politika taż-ŻER huma konnessi. L-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 tipprowdi kontinwità dwar il-politiki li għaddejjin bħalissa taħt l-ewwel aġenda, tindirizza l-oġettivi ewlenin fit-tul taż-ŻER, u għandha l-flessibbiltà meħtieġa biex twieġeb għal ħtiġijiet strateġiċi ġodda.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI:

1. L-Istati Membri jadottaw l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 bi 11-il politika strutturali fit-tul taż-ŻER, mhux limitati għal aġendi ta' politika individwali iżda għad għandhom pjan ta' ħidma ta' 3 snin, u bi tmien azzjonijiet taż-ŻER, li għandhom jitlestew fi ħdan l-aġenda ta' politika ta' 3 snin. Il-proposti kollha taż-ŻER huma deskritti f'aktar dettall fl-anness.
2. L-Istati Membri jimplimentaw fuq bażi volontarja l-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER li ġejjin, f'konformità mal-erba' oqsma prijoritarji tal-Patt għar-R&I għal azzjoni konġunta. Dawn il-politiki u l-azzjonijiet strutturali jiffukaw fuq (i) il-kisba ta' valur miżjud ċar fil-livell nazzjonali u Ewropew, (ii) it-tweġġ ta' impatt billi jipproduċu riżultati tanġibbli speċifiċi u eżiti tanġibbli fi żmien 3 snin, (iii) il-bini fuq il-kokreazzjoni kostanti bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati, (iv) li wieħed ikun awtonomu b'attività ewlenija waħda, jiġifieri l-ebda subazzjoni, u (v) li jiġi implimentat f'ġeometrija varjabbli, li jippermetti flessibbiltà sa fejn il-pajjiżi jistgħu jinvolvu ruħhom.

1. QASAM TA' PRIJORITÀ: APPROFONDIMENT TA' SUQ INTERN LI JIFFUNZJONA GĦALKOLLOX GĦALL-GĦARFIEN

Il-moviment liberu tar-riċerkaturi, l-għarfien u d-data huwa essenzjali biex tinbena sistema Ewropea tar-R&I aktar effiċjenti u inklużiva. Dan jgħin biex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-riżorsi u tinholq il-massa kritika meħtieġa biex tkun effettiva. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE, huwa essenzjali li tingħata spinta lill-pożizzjoni internazzjonali u t-tmexxija xjentifika tal-UE billi titwettaq riċerka fundamentali u applikata pijuniera.

L-UE se tkompli taħdem fuq din il-prijorità permezz tal-politiki strutturali li ġejjin:

Ix-xjenza miftuħa - Abilitazzjoni tax-xjenza miftuħa permezz tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-data, inkluż permezz tal-EOSC; **L-infrastrutturi tar-riċerka** - It-tisħiħ tas-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tar-riċerka fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka; **L-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-inklużività** - It-tisħiħ tal-ugwaljanza inklużiva u intersezzjonali bejn il-ġeneri fiż-ŻER; **Il-karrieri u l-mobbiltà tar-riċerkaturi u Is-sistemi ta' valutazzjoni u ta' premjazzjoni tar-riċerka** - Nagħmlu l-karrieri fir-riċerka aktar attraenti u sostenibbli kif ukoll nirrifurmaw il-valutazzjoni tar-riċerka; **Il-valorizzazzjoni tal-għarfien** - It-titjib tal-kapaċitajiet u tal-attivitajiet tal-valorizzazzjoni tal-għarfien; **L-impenn globali** - Approċċ Globali għar-R&I.

L-azzjonijiet taż-ŻER li ġejjin huma proposti għat-3 snin li ġejjin:

- L-ekwità fix-xjenza miftuħa;
- L-avvanz tal-ekosistema Ewropea tax-Xjenza għall-Politika (S4P);
- L-iffaċilitar u l-aċċellerazzjoni tal-użu responsabbli tal-IA fix-xjenza fl-UE;
- It-tishih tas-sigurtà tar-riċerka.

2. QASAM TA' PRIJORITÀ: Jiġi indirizzati flimkien it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali u sfidi oħra b'impatt fuq is-soċjetà, u tiżdied il-parteċipazzjoni tas-soċjetà fiż-ŻER

Biex iż-ŻER tagħti spinta lill-kompetittività, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja għan-nies fl-UE u tindirizza l-isfidi tas-soċjetà bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, trid toħloq sinerġiji mal-politiki settorjali u l-politika industrijali. L-investiment fir-R&I jrid iwassal għal eżiti tanġibbli li jintużaw u jiġi implimentati mis-suq.

Il-politiki strutturali li ġejjin kienu l-approċċi ewlenin biex jiġi indirizzat dan il-qasam ta' priyorità:

Inizjattivi **bbażati fuq l-isfidi** - Il-pjan strateġiku għat-teknoloġija tal-enerġija (SET, strategic energy technology) isir komponent tematiku ewlieni taż-ŻER; **Sinerġiji mal-edukazzjoni u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa** - Titjib tal-artikolazzjoni bejn ir-R&I u l-edukazzjoni għolja fi ħdan iż-ŻER u l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tal-ekosistemi Ewropej tar-R&I; **Involviment attiv taċ-ċittadini u tas-soċjetà fir-R&I** - It-tisħiħ tal-fiduċja fix-xjenza permezz tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, l-involviment u l-komunikazzjoni xjentifika.

L-azzjonijiet taż-ŻER li ġejjin huma proposti għat-3 snin li ġejjin:

- L-aċċellerazzjoni tal-investimenti fir-R&I għat-trasformazzjoni industrijali u sostenibbiltà kompetittiva tal-Ewropa;

- L-aċċellerazzjoni ta' metodoloġiji ġodda ta' approċċ (NAMs, new approach methodologies) biex javvanzaw ir-riċerka bijomedika u l-ittestjar ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi;
- Qafas armonizzat u kkoordinat għal approċċ Ewropew għall-integrità u l-etika fir-R&I quddiem l-isfidi emerġenti.

3. QASAM TA' PRIJORITÀ: IT-TITJIB TAL-AĊĊESS GĦALL-EĊĊELLENZA FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI MADWAR L-UNJONI U T-TITJIB TAL-INTERKONNESSJONIJIET BEJN L-EKOSISTEMI TAL-INNOVAZZJONI MADWAR L-UNJONI

L-eċċellenza fir-riċerka tkopri l-Ewropa kollha, bejn l-etajiet, id-dixxiplini u s-setturi. Il-potenzjal sħiħ tiegħu għad irid jiġi sfruttat minħabba disparitajiet sinifikanti fl-opportunitajiet għar-riċerkaturi u l-innovaturi fiż-ŻER. Politika strutturali biex jiġi indirizzat dan il-qasam ta' priyorità hija li jinħolqu **sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE, nazzjonali u reġjonali** - Titjib tal-aċċess tal-UE għall-eċċellenza.

L-azzjoni taż-ŻER li ġejja hija proposta għat-3 snin li ġejjin:

- Għoti tas-setgħa lir-R&I: Era ġdida fil-ġestjoni tar-riċerka.

4. QASAM TA' PRIJORITÀ: AVVANZ FL-INVESTIMENTI U R-RIFORMI MIFTIEHMA TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Peress li l-UE tiffoka fuq oqsma ewlenin għall-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-benesseri futuri, ikun kontroproduktiv li l-investment u l-inizjattivi tar-R&I jiġu dduplikati, sostitwiti jew frammentati. Il-kooperazzjoni transfruntiera tista' tagħti spinta lill-effiċjenza billi tiġbor flimkien ir-riżorsi biex tinkiseb massa kritika u żżid l-effetti konsegwenzjali tal-għarfien biex tingħata spinta lill-innovazzjoni. L-iżgurar li dawn l-investimenti jkunu effiċjenti u jħallu impatt se jirrikjedi wkoll f'xi każijiet it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riformi strutturali fis-sistemi nazzjonali tar-riċerka u żvilupp (R&Ż). L-għan ta' dawn ir-riformi se jkun li tiżdied l-eċċellenza xjentifika, tiġi estratta l-valorizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka, jissaħħu r-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju u jiġu mmirati aħjar il-politiki li jappoġġaw l-innovazzjoni tan-negozju.

Ma hemm l-ebda azzjoni speċifika taż-ŻER proposta taħt dan l-oġġettiv iżda huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li t-tisħiħ tal-investimenti fir-R&I u l-adozzjoni ta' riformi strutturali jibqgħu priyorità ewlenija għall-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jaħdmu mill-qrib flimkien bl-użu ta' sett ta' strumenti eżistenti. B'mod aktar preċiż, l-implimentazzjoni tal-miżuri tar-R&I taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE hija mistennija li tagħti spinta lill-kapaċità ta' innovazzjoni nazzjonali, speċjalment f'pajjiżi li għadhom lura.

Permezz tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kummissjoni Ewropea twettaq analiżi fil-fond tas-sistemi nazzjonali tar-R&I u toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar kif jista' jissaħħaħ il-potenzjal tal-

innovazzjoni ta' kull pajjiż. Il-Kummissjoni mbagħad timmonitorja r-reazzjonijiet ta' politika mill-Istati Membri biex tivvaluta l-progress fit-tnaqqis tal-lakuni fir-R&I identifikati. Biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom biex itejbu s-sistemi tar-R&I tagħhom permezz ta' riformi, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati jistgħu jirċievu appoġġ espert taħt il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont, strument li wera li huwa ta' benefiċċju kbir fit-titjib tat-tfassil tal-politika u fl-identifikazzjoni ta' perkorsi ta' riforma, u d-Djalogu Msaħħaħ bilaterali mal-Istati Membri dwar suġġetti maqbula b'mod komuni tar-R&I.

3. Il-qafas kollaborattiv stabbilit bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-forma tal-Forum taż-ŻER u l-KŻER jenħtieġ li jinżamm bħala mekkaniżmu ċentrali tal-governanza taż-ŻER. L-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027 li jmiss se tibqa' sforz inklużiv u trasparenti fil-livelli kollha ta' governanza biex jitrawmu l-ħolqien konġunt u s-sjieda tal-aġenda. Il-Forum taż-ŻER jibqa' bord ta' diskussjoni għall-isfidi emerġenti, barra mill-attivitajiet tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027, li jeħtieġu kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi u huma koperti mill-Patt għar-R&I, bħal segwitu dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika.
4. L-implimentazzjoni koordinata jenħtieġ li tiżgura l-involviment attiv u wiesa' tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE fl-ispettru kollu, mir-riċerka għall-innovazzjoni u l-użu fis-suq. Il-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati fil-Forum taż-ŻER jenħtieġ li jiġu rieżaminati biex tinkiseb rappreżentanza akbar tal-interessi differenti.
5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li jappoġġaw l-involviment sħiħ tal-pajjiżi assoċjati mal-programm Orizzont Ewropa u tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati umbrella fil-livell tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2025-2027.
6. L-investment fir-R&I fl-UE ma jilħaqx l-aspirazzjonijiet u jibqa' taħt il-livell ta' investment f'ħafna mill-kompetituri globali tal-UE. Bħalissa, l-UE tonfoq madwar 2.3 % tal-PDG tagħha fuq ir-R&Ż, ferm taħt il-mira ta' 3 % R&Ż stabbilita fl-2002 fid-Dikjarazzjoni ta' Barcellona. Biex tintlaħaq l-isfida multidimensjonali li tintlaħaq il-mira ta' 3 %, hija meħtieġa azzjoni koordinata biex tingħata spinta lill-investment pubbliku u privat fir-R&Ż. Hemm bżonn ta' iktar riformi biex jittejjbu l-ekosistemi tar-R&I u jiġi massimizzat l-impatt ta' żieda fl-investment fir-R&I. Flimkien mal-qasam ta' prijorità tal-Patt għar-R&I "L-avvanz ta' investimenti u riformi konċertati fir-R&I", l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkomplu bl-isforzi tagħhom f'din id-direzzjoni.
7. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER deskritt fil-Patt għar-R&I fl-Ewropa u spjegat fid-dettall fil-"Qafas għall-mekkaniżmu futur ta' monitoraġġ taż-ŻER" ippreżentat mill-Kummissjoni lill-Kunsill fl-10 ta' Ġunju 2022¹⁰. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-

¹⁰ IN-NOTA TAL-KUNSILL 9578/22.

ŻER se jivvaluta l-progress lejn il-prijoritajiet taż-ŻER, kif definiti fil-Patt għar-R&I. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER jenħtieġ li jikkonsisti minn:

- (1) tabella ta' Valutazzjoni taż-ŻER għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġettivi taż-ŻER kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, aġġornata regolarment;
- (2) rapport regolari ta' monitoraġġ taż-ŻER mill-Kummissjoni lill-Kunsill biex tiġi rieżaminata l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER,
- (3) rapporti regolari tal-pajjiżi taż-ŻER biex jiġi rieżaminat il-progress tal-pajjiżi fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER.

L-Istati Membri se jkomplu jiskambjaw informazzjoni dwar iż-ŻER, b'mod partikolari billi jipprovdu data u informazzjoni permezz tal-Pjattaforma ta' Politika taż-ŻER. L-Istati Membri se jippromwovu wkoll l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u r-riżultati taż-ŻER fil-pajjiżi tagħhom, abbażi tal-appoġġ disponibbli.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*